**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 26 ta' Settembru, 2019**

**Rikors nru: 12/17 AGV .**

**AB**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent pprezentat fl-20 ta' Jannar, 2017, li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti :-

1. Illi l-partijiet, AB, detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 277367 (M) u CB, detentrici tal-karta tal-Identita', bin-numru 517064 (M), izzewgu nhar

it-tlettax (13) ta’ Novembru, tas-sena elf, disa’ mija u disgha u disghin, (1999) gewwa l-parocca tal-Kuncizzjoni f’Bormla, kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg taghhom, anness fl-atti u mmarkat bhala Dok A.

2. Illi minn dan iz-zwieg , twieled tifel wiehed , DB , illi ghandu erbatax-il sena (vide certifikat tat-twelid , anness u mmarkat bhala Dok B.

3. Illi l-hajja konjugali ta’ bejn il-kontendenti , saret impossibbli , minhabba f’inkompattibilita’ ta’ karattru, kif ukoll, minhabba f’servigi, theddid, glied u ngurji gravi, da parte tal-intimata.

4. Illi, ghalkemm giet appuntata medjazzjoni, fejn il-partijiet dehru darbtejn biss ghaliha, l-intimata talbet illi tigi maghluqa fuq nuqqas ta’ qbil.

5. Illi l-esponenti gie awtorizzat li jintavola dawn il-proceduri permezz ta’ digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti, datat tnejn u ghoxrin (22) ta’ Dicembru 2016, anness ma’ dawn l-atti u mmarkat bhala Dok C.

Ighid ghalhekk , ghaliex m’ghandux:

1. Tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi ghar-ragunijiet premessi, imputabbli lill-intimata ta’ servigi, theddid, glied u ngurji gravi, kontra l-esponenti;

2. Tiddikjara li l-intimata naqset milli tonora r-responsabbilitajiet taghha, bhala mara tad-dar, kif ukoll bhala omm;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet li jigu assenjati lill-kontendenti,

liema porzjonijiet ghandhom jigu komposti, billi tigi stabbilita data, bhala d-data meta l-intimata tigi kkunsidrata li tkun hatja tal-firda, b'tali mod, li hi titlef kull jedd ghal kull akkwist maghmul bil-hila tal-esponenti, skond il-Ligi u dan okkorrendo b'opera ta' perit nominandi sabiex jillikwida l-istess komunjoni u billi jigi nominat nutar, sabiex jircievi l-att relattiv, kif ukoll , kuratur biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

4. Tiddikjara , illi l-fond Sea Breeze, Number 2, Triq A. G. Chesney, gewwa x-Xghajra, ghandu jinbiegh u kull parti tiehu nofs il-valur kif mistenni lilha bil-Ligi;

5. Tapplika kontra l-intimata, interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-intimata datata 3 ta' Frar, 2017 , fejn tghid :

1. Illi l-esponenti taqbel li z-zwieg tfarrak b'mod irrimedjabbli, izda dan sehh minhabba htijiet imputabbli lir-ragel kif ser jirrizulta waqt il-gbir tal-provi f'dina l-kawza;

2. Illi konsegwentement, ghandhom jigu applikati kontra l-attur id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 et sequitur tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fl-intier taghhom;

3. Illi l-eccipjenti tikkontendi li l-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi diviza, izda hija ghandha tkun favoreggjata fil-likwidazzjoni u

assenzjoni u dana peress li z-zwieg tfarrak minhabba r-ragel, kif qed jinghad;

4. Illi l-Qorti ghadha wkoll tipprovdi dwar il-kura u kustodja tal-minuri DB, li ghandu erbatax-il sena u l-missier jigi ordnat ihallas manteniment ghal esponenti u binhom.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-partijiet;

Rat il-verbali tas-seduti, b'mod partikolari l-verbal tas-seduta tat-22 ta' Marzu, 2018, fejn il-partijiet iddikjaraw illi fil-konfront ta' xulxin m'ghandhom l-ebda pretensjoni dwar depositi bankarji jew investimenti finanzjarji ohra u jaqblu illi kull parti zzomm fondi jew investimenti li llum jinsabu f'isem dik il-parti.

Rat ir-rapport tal-Perit Mario Axisa datat 3 ta' Ottubru, 2018;

Rat ir-rikorsi u d-digrieti relattivi;

Rat is-sottomissjonijiet tal-attur;

Rat li l-konvenuta ma ppresentatx sottomissjonijiet bil-miktub;

**IKKUNSIDRAT;**

**<u>FATTI</u>**

**<u>RESPONSABBILITA’</u>**

1. Il-partijiet izzewwgu fit-13 ta’ Novembru, 1999 u minn dan iz-zwieg, wara tlett snin u nofs twieled tifel DB li llum ghandu sbatax-il sena. L-ewwel problema li hass li kien hemm, kienet li l-konvenuta donnha ma kinitx migbuda lejn persuna tas-sess oppost. Kien iheggigha sabiex jippruvaw jibnu familja, izda kienet tghidlu li ma kinitx se taqa’ d-dinja jekk ma kellhomx tfal. Il-konvenuta tametti li kienet tevita r-relazzjonijiet intimi peress li l-attur aktar kien vicin hutu milli lilha.

2. Wara li twieled it-tifel, l-attur ighid li l-konvenuta nbiddlet izjed, ghax ma kellhomx aktar relazzjonjiet intimi u kienet tivvinta l-iskuzi li kienet ghajjiena jew li kienet qed tara xi programm.

3. L-attur ighid li problema ohra fiz-zwieg kienu l-flus. Ighid li kien ighaddi l-paga tieghu kemm ta’ *full-time,* kif ukoll tal-*part-time* lill-konvenuta, li ma kinitx tahdem. Kienet tiehu hsieb il-kontijiet kollha u hallsithom regolarment, pero’ jghid li kien jirnexxielu jwarrab ftit biss minn dawn il-flus, minkejja li l-konvenuta kienet tghid li ma kinux isservuha u kienet tinsisti li ggib l-ikel lest minghand ommha.

4. L-attur ighid li kien imdejjaq fiz-zwieg, izda peress li t-tifel kien ghadu zghir, ma riedx jaqla’ problemi. Il-konvenuta kienet tqatta’ hafna hin ghand il-genituri taghha u tigi biss meta jasal it-tifel mill-iskola. Meta missierha kien marad kienet marret tghix mal-genituri taghha ghal sena u nofs u kienet tmur id-dar biss meta kien ikun hemm it-tifel u terga’ titlaq. Dan huwa kkonfermat mill-konvenuta. Kien jispicca jiehu hsieb it-tifel hu.

Lanqas qatt ma kienet tigi tnaddaf id-dar u hass li ma setax jibqa' sejjer hekk peress li kien qed ihossu ghajjien jerfa' r-responsabbilitajiet kollha tal-familja u jahdem fl-istess waqt. Kien affrontaha u talabha biex tiddeciedi se taghmel u kienet marret lura ghall-habta ta' Gunju, 2016 meta kien fetah il-proceduri ta' medjazzjoni.

5. L-attur jichad li kien refa' idejh f'zewg okkazzjonijiet fuq il-konvenuta u minhabba f'hekk ir-relazzjonijiet intimi bejniethom kienu waqqfu. Il-konvenuta ghandha verzjoni kontrastanti, peress li tinsisti li fl-ewwel tlett snin taz-zwieg, kien hemm diversi drabi fejn l-attur kien refa' idejh fuqha u kif ammetta hu stess maghha dan kien minhabba li kien jigi mghawi minn hutu. Tametti ukoll li f'dan il-perjodu kellhom hafna pressjonijiet ghax riedu jixtru l-post taghhom u kienu jindahlu hutu. Kien hemm okkazjoni ukoll fil-bidu taz-zwieg meta kienu jghixu go post mikri gewwa Bugibba u kien ipprova jifgahha, tant li ntilfet minn sensiha. Meta sawwatha waqt it-tqala kienet iddecidiet li tevitah intimament. Tikkonferma li l-ebda wiehed minnhom ma kellu relazzjoni ma' haddiehor.

Il-konvenuta tikkonferma li qatt ma kienet ghamlet rapport lill-pulizija peress kienet dejjem baqqghet bit-tama li l-affarijiet jaqilbu ghall-ahjar. Tametti li hi tizbroffa u kelma tghidha, filwaqt li l-attur huwa bniedem pikuz u joqtlok bla sikkina.

Il-konvenuta tattribiwixxi l-problemi li kellhom l-aktar minhabba zewg ahwa tal-attur, E u F. Dan tal-ahhar, l-attur kellu joqghodlu xhud, izda ma riedx li tattendi l-konvenuta u ghalhekk l-attur spicca ma marx.

Tghid li s-swat kien waqaf ukoll, izda l-attur kien jahbilha, specjalment meta kien jiltaqa' ma' hutu u jigi mghawwi.

**KURA U KUSTODJA**

Il-partijiet ghandhom proposti differenti. L-attur jinsisti li ghandhom ikollhom kura u kustodja kongunta, filwaqt li l-konvenuta tinsisti li tinghata kura u kustodja esklussiva peress li ghandha relazzjoni tajba hafna mal-minuri li llum ghandu sbatax-il sena.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Dwar id-dar matrimonjali l-attur ighid li kien hallasha kollha hu peress li kien ha somma ta' €11,000 minn Kalaxlokk fejn kien jahdem qabel, kif ukoll kien biegh mutur Kawazaki ZX 10 u kellu €2,000 mgemmghin. L-attur dispost li jzomm id-dar u jaghti s-sehem ta' nofs indiviz lill-konvenuta, peress li m'ghandux post iehor fejn ighix. L-ghamara kollha li kien hemm fid-dar matrimonjali kienet inxtrat waqt iz-zwieg, hlief ghall-ghodda tas-sajd li kienu parafernali. L-attur esebixxa l-kuntratt tal-akkwist tal-fond Seabreeze 2, Triq A.G.Cheney, Xaghra.[1]

Skond il-Perit Tekniku AIC Mario Axisa, il-valur tal-proprjeta' hija ta' €142,000.[2]

---

[1] Ara Dok. a fol. 43 tal-process.
[2] Ara rapport tal-Perit Mario Axisa datat 3 ta' Ottubru, 2018

L-attur ighid li kellu dinghy li bieghu ghall-prezz ta' €250 u kien offra lill-konvenut nofshom, izda m'accettatx.[3]

6. Il-vettura Toyota Yaris bin-numru ta' registrazzjoni BBX 134 inxtrat fiz-zwieg, izda tinstaq mill-attur biss. Giet esebita ukoll il-polza ta' assikurazzjoni.[4]

7. Il-konvenuta tikkonferma l-assi tal-komunjoni.

**MANTENIMENT**

1. L-attur qed ighaddi s-somma ta' €200 fix-xahar lill-konvenuta u €150 bhala manteniment ghall-minuri D. Ihallas €50 ghall-cable li kien talab lill-kovenuta biex ma ggeddidx il-kuntratt, izda xorta ghamlet hekk. L-attur ihallas il-kontijiet tad-dawl u ilma u tat-telefon, kif ukoll €99 loan fuq il-kont 0391566903000 li kien ittiehed sabiex jaghmlu zvilluppi fid-dar matrimonjali. Hafna utilitajiet li qed ihallas ghalihom lanqas qed ikollu access minhabba l-konvenuta.

   Ihallas ukoll il-mizata tal-futbol tat-tifel minuri, id-donazzjoni tal-iskola Santu Wistin u t-trasport.

2. Il-konvenuta kienet tiehu l-paga tal-attur, tircievi c-childrens allowance tat-tifel u anke incentivi mahruga mill-Gvern fuq l-gholi tal-hajja. Bejn 2015 u 2016, gie ppruvat li l-konvenuta kienet tircievi biss ic-childrens allowance. Mis-6 ta' Mejju, 2017 bdiet tircievi l-ghajnuna socjali.[5]

[3] Ara Dok. JS 1 a fol. 19 tal-process.
[4] Ara Dok a fol.47 tal-process.
[5] Ara Dok. A a fol. 52 tal-process.

Jirrizulta li ghall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2017 sal-31 ta' Dicembru, 2017, irceviet €3,000.[6]

3. L-attur jipproponi li jhallas €200 fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri, filwaqt li dwar il-konvenuta jinsisti li tista' tmur tahdem tal-anqas bir-reduced hours biex tkun mat-tifel meta jigi lura mill-iskola.

4. L-attur jahdem mit-8.00 am sal-5.00 pm u jixtieq access ta' darbtejn fil-gimgha, kif ukoll fil-weekend. Gie allegat mill-konvenuta li l-attur kien ibiegh il-hut part-time, izda hu jinsisti li kien hemm xi zmien meta kien jaghmel dan u jaqla' cirka €50 jew €60 fix-xahar, u kien ighaddilha l-flus. Illum jichad li ghadu jbiegh il-hut. Il-konvenuta tinsisti li l-attur kien ibiegh il-qarnit u kien idahhal xi €90 ma kull qabda. Tikkalkola li jaqbad xi €2,000 fix-xahar.

5. L-attur ighid li qed jahdem mal-Melita Marine Group u esebixxa l-paga tieghu netta li hija bejn cirka €1000 fix-xahar,[7] li minnhom ighid li jghaddi s-somma ta' €400 bhala manteniment lil martu. Gew esebiti l-FS3 tas-snin 2015, 2016 u 2017.[8]

   Jametti li m'ghadux jahdem overtime minhabba l-kawza u li jahdem ma' certu G u H, fejn inaddaf id-dghajjes fejn jaqbad €60 u €80 fix-xahar rispettivament u jghid li dawn ma kinux jidhru.

6. Illum minn mindu l-attur fetah il-proceduri, il-hajja saret insopportabbli minhabba li l-konvenuta tinstigah, tpejjep id-dar meta jbati bl-asthma u

[6] Ara Dok. B a fol. 53 tal-process.

[7] Ara Dok. JS 1 a fol. 37 u 38 tal-process.
[8] Ara Dok. a fol. 45-47 tal-process.

t-tifel bil-hayfever u hadet sahansitra c-cwievet tal-gallarija biex ma jkunx jista' jiftah ghall-arja. Kellu fil-fatt jaghmel diversi rapporti f'dan is-sens.

**IKKUNSIDRAT**

**<u>RESPONSABBILITA'</u>**

Dina l-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, li jistipula:

"***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

L-Artikolu 40 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta isemmi l-**moħqrija**, illi minn ġurisprudenza kostanti tirreferi għas-sevizzi bħala bażi għas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud,** deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, ġie enunċjat illi: *"**Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi".***

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu***

***l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Ir-rikorrenti ghamlet ukoll referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-

separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-attur jattribwixxi l-problemi fiz-zwieg tieghu ghall-fatt li l-konvenuta dejjem poggiet il-familja taghha l-ewwel u qabel kollox u peress li kien hemm nuqqas ta' intimita' bejniethom. Il-konvenuta tametti li ma kinitx tfittex lill-attur intimament peress li kien refa' idejh fuqha u sahanistra tghid li kienet hassitha umiljata meta l-attur tkellem fuq l-intimata' taghhom ma' hutu, specjalment minhabba li kien jisma' minnhom hafna.

L-attur hass li kien spicca qed jerfa' wisq responsabbilitajiet minhabba li martu l-konvenuta kienet marret tghix mal-genituri taghha meta missierha marad bil-kancer. Tametti li hekk kienet ghamlet, pero' dan bil-buona volonta' tal-attur. Kien hemm ukoll problemi relatati mal-flus, ghax minkejja li l-attur kien ighaddi l-flus lill-konvenuta kienet dejjem tgerger li ma jservuhix.

Il-konvenuta da parti taghha tattribwixxi l-problema fiz-zwieg taghhom ghas-swat u l-fatt li l-attur kien jigi mghawwi minn hutu u kien jippika maghha u kien insolenti.  L-attur da parti tieghu ma gabx provi biex jikkontesta dawn l-allegazzjonjiet u lanqas biss sar l-kontro-ezami tieghu.

Jirrizulta mill-provi, li l-partijiet it-tnejn kellhom in-nuqqasijiet taghhom u li dawn l-atti li kienu kontinwi rrendew il-hajja konjugali intolerabbli.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti thoss li kemm l-attur, kif ukoll il-konvenuta rrendew ruhhom hatja ta' sevizzi, li wassal sabiex dan iz-zwieg tkisser.

**<u>KURA U KUSTODJA</u>**

It-tifel tal-partijiet D, illum ghandu sbatax-il sena u ghalhekk prattikament maggorenni, kapaci li jiehu d-decizjonijiet ghalih. Fil-mori tal-proceduri, il-minuri kien taht l-kura u kustodja kongunta tal-partijiet u jkun opportun li s-sitwazzjoni tibqa' l-istess, ghax in ogni caso, kwalsiasi decizjoni li tiehu dina l-Qorti se tapplika biss ghall-perjodu qasir u dan peress li t-tifel minuri dalwaqt jaghlaq it-tmintax-il sena.

Ghalhekk, tenut kont tal-eta' tal-minuri, ghandu jaghzel ma' minn jixtieq ikompli jghix u l-access ikun liberu ghal dak il-genitur, li mieghu l-minuri jiddeciedi li ma jghix.

**<u>MANTENIMENT</u>**

Skond digriet tat-13 ta' Settembru, 2016, il-Qorti ordnat illi l-attur ghandu jhallas €200 fix-xahar bhala manteniment ghall-konvenuta u €150 bhala manteniment ghall-minuri.

Il-Qorti kienet ordnat lill-konvenuta sabiex tfittex impjieg u dan tenut kont li llum it-tifel kiber u ma hemm xejn x'jimpediha mill-tmur tahdem. Wiehed japprezza li llum ghandha 'l fuq minn hamsin sena, imma ma gabitx provi li juru li hi kellha xi impediment li ma kienx ihalliha tahdem.

L-attur jikkonferma li l-konvenuta llum tahdem u ma gabitx provi biex tikkontradixxi dan il-fatt.

In vista ta' dan ghandu jieqaf il-manteniment lejn il-konvenuta, filwaqt li l-attur ghandu jhallas is-somma ta' €200 fix-xahar, flimkien ma' nofs l-ispejjes edukattivi u ta' sahha u dan sakemm il-minuri jibda jahdem jew jaghlaq tmintax-il sena jew sa 23 sena jekk jibqa' jistudja fuq bazi *full-time*, liema wahda minn dawn tavverra ruhha l-ewwel.

**DAR MATRIMONJALI**

Il-fond matrimonjali Sea Breeze, Flat 2, A.G. Chesney Street, Xaghra, tirrapprezenta d-dar matrimonjali. Skond il-Perit Mario Axisa, il-valur tal-fond huwa ta' €142, 000.

L-attur wera' x-xewqa li d-dar tigi assenjata lilu b'dana pero' li jhallas in-nofs tal-valur tal-fond lill-konvenuta. Bir-rispett kollu, l-attur ma gabx provi kif u come se jkun f'posizzjoni li jhallas il-flejjes lill-konvenuta. Tenut kont ta' dan ikun opportun li l-fond jinbiegh, flimkien mal-mobbli li jinsabu fl-istess fond ghall-valur ta' €142,000.

**VETTURA u DINGHY**

Il-vettura Toyota Vitz bin-numru ta' registrazzjoni BBX 134 ghandha tigi assenjata lill-attur, b'dana pero' li nofs il-valur tal-vettura li huwa €3,000 ghandu jinghata lill-konvenuta mill-attur.

L-attur diga' gab provi li kien biegh id-dinghy bin-numru ta' registrazzjoni S 19405 ghall-prezz ta' €250 u minkejja li l-konvenuta semmiet li kien bieghha ghall-prezz ta' €600 ma gabet ebda prova in sostenn ta' dan.

Ghalhekk l-attur ghandhu jhallas lill-konvenuta s-somma ta' €125 bhala sehemha minn dan id-dinghy.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba ghar-ragunijiet li l-partijiet irrendew ruhhom hatja ta' sevizzi fil-konfront ta' xulxin.
2. Tilqa' t-tieni talba in parte, stante li l-konvenuta telqet mid-dar biex tiehu hsieb lill-genituri taghha, bil-buona volonta' tal-attur u dejjem hadet hsieb il-minuri;
3. Tilqa' t-tielet talba u tordna li ssir il-likwidazzjoni, kif spejgat aktar 'l fuq, okkorrendo bin-nomina tan-Nutar Dr. Clinton Bellizzi sabiex jillikwida l-istess kommunjoni u l-kuraturi sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumacja tal-istess.
4. Tilqa' r-raba' talba.
5. Tichad il-hames talba.

L-ispejjes ghandhom jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Onor. Imhallef Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**